**QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA**

Onor. Imħallef Dr. Giovanni M Grixti LL.M., LL.D.

**Rikors Nru: 4/2024/1 GG**

**Animal Guardians Malta (VO/1063)**

**vs.**

1. **Ceo Mr Jorgen Souness, San Vincent De Paul (SVDP);**
2. **Real Animal Rights Foundation (RAR) (VO/1976);**
3. **Animal Welfare Directorate u**
4. **Commissioner for Animal Welfare, Ms Alison Bezzina**

Digriet moghti kameralment kif rizervat fl-udjenza tas-16 ta' Jannar, 2024

Illum 5 ta' Frar 2024

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Guramentat tal-ghaqda Animal Guardians Malta ppreżentat quddiem din il-Qorti fl-4 ta' Jannar 2024 u konfermat bil-gurament minn Carmen Coleiro li li bih talbet il-hrug ta' mandat ta' inbizzjoni sabiex izomm lill-intimati milli "**jitrasferixxu, iwettqu 'rehoming' u/jew jitraqqdu qtates li jappartjenu lill-Organizazzjoni Volontarja bl-isem ta' Animal Guardians Malta (VO/1063) li taghha l-istess esponenti hija membru fil-Kumitat tal-istess Organizazzjoni Volontarja li kienet qieghda topera Cat Café mill-binja gewwa Isptar San Vincenz de Paul gewwa Hal Luqa";**

Illi l-Animal Guardians Malta (VO/1063) kienu ilhom joperaw il-Cat Café taghhom ghal dawn l-ahhar seba'(7) snin mill-imsemmi sit li jinsab fil-binja ta' tal-Isptar San Vincenz de Paul, Hal Luqa.

Rat d-digriet taghha tal-istess jum li bih laqghet it-talba provvizorjament, ordnat in-notifika bi tmient (8) ijiem zmien ghar-risposta u appuntat ir-rikors ghat-trattazzjoni ghas-16 ta' Jannar, 2024 fis-siegha ta' wara nofsinhar;

Rat ir-risposta tal-organizazzjoni intimata Real Animal Rights Foundation ipprezentata fir-Registru tal-Qorti fit-12 ta' Jannar, 2024;

Rat ir-risposta ta' Jurgen Souness bhala Kap Ezekutiv ta' Saint Vincent De Paule, tal-Animal Welfare Directorate u ta' Alison Bezzina bhala Commissioner for Animal Welfare ipprezentata fir-Registru tal-Qorti fit-12 ta' Jannar, 2024;

Rat illi l-intimati taw ruhom b'notifikat bl-appuntament tas-smiegh u bl-atti fl-udjenza tas-16 ta' Jannar, 2024;

Rat l-affidavit ta' Jorgen Souness u d-dokumenti esebiti;

Semghet is-sottomissjonijiet orali tal-abbli difensuri tal-partijiet fl-udjenza tas-16 ta' Jannar, 2024;

Ikkunsidrat:

**Il-fatti:**

1. Illi l-fatti ta' dan il-kaz brevement rakkontati jirrigwardaw l-akkoljiment ta' numru sostanzjali ta' qtates "stray" f'parti mill-kumpless tad-dar tal-anzjani Saint Vincent De Paule li kif jemergi mis-smiegh tar-rikors huwa intiz bhala parti mit-terapija ghall-anzjani hemm rikoverati u anke sabiex dawk l-anzjani li kellhom qtates qabel ma rriallokaw ghall-istess dar jkunu jistghu jitraslokaw ukoll lill-qtates taghhom hemmhekk. Ghal dan il-ghan l-ghaqda rikorrenti topera Cat Café li hija kontrattata mill-istess Saint Vincent De Paule (SVDP) b'obbligi kontrattwali kif jemergi mid-dokumenti esebiti;

2. Illi l-intimati huma opposti ghall-hrug ta' dan il-mandat ghaliex, in succint, jallegaw illi l-kuntratt mal-Cat Café huwa xolt *ope legis* mill-2019 kif ukoll minhabba inosservanza tal-obbligi kontrattwali tal-istess ghaqda rikorrenti billi qed ihallu lil dawn il-qtates fi stat ta' sahha hazina hafna, b'uhud minnhom mejtin u mhollija hemm idewdu oltre li minflok in numru pattwit ta' 120 qattusa, hemm 'l

fuq minn 325 wahda u dan l-istess qed ikun ta' detriment sia ghall-qtates kif ukoll ta' periklu ta' igene u sahha lill-pazjenti hemm rikoverati liema lmenti kienu jaslu ukoll mill-awtoritajiet u mill-pazjenti u qraba taghhom minhabba l-irwejjah inapportabbli u fatturi ohra. L-istess intimati ddikjaraw illi ma kellhom l-ebda jsieb li jirriallokaw lil-qtates kif ukoll li jraqduhom hlief jekk hekk ordnati mill-vets;

**Il-Ligi**

3. Illi kif jemergi minn qari ta' dawn l-atti jirrizultaw zewg verzjonijiet differenti. Dak li r-rikorrenti qeghdin jitolbu bil-procedura intentata huwa regolat bl-artikolu 873(1) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili Kapitolu 12 tal-ligijiet ta' Malta li jipprovdi illi "*L-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tkun li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat*". Il-kaz in disamina huwa klassifikat bhala mandat ta' indibizzjoni generali kif ravvizat fl-artikolu appena indikat u ghalhekk kif inhu akkolt fil-gurisprudenza kopjuza in materja, il-Qorti ma ghandiex takkorda l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni hlief jekk ir-rikorrent li jitlob il-hrug ta' dan il-mandat juri li dan hu mehtieg ghal-preservazzjoni tal-jeddijiet tieghu b'mod illi c-cahda tieghu tkun tissarraf fi pregudizzju. Apparti dan, jehtieg li jkun jidher fuq bazi *prima facie* li r-rikorrenti ghandu dawk il-jeddijiet. Dawn iz-zewg rekwiziti jehtieg li jkunu prezenti flimkien tant illi n-nuqqas ta' presenza ta' wahda minnhom tkun fatali ghall-min qed jaghmel it-talba;

**Il-Jedd Pretiz**:

4. Illi ghalhekk jehtieg li jirrizulta illi min jitlob il-hrug tal-mandat ghandu jedd x'jipprezerva u li dak il-jekk irid ikun wiehed deducibbli f'gudizzju. Fis-sentenza fl-ismijiet **Nutar Dottor Giuseppe Sammut noe vs Frank Scicluna et** (App Civ 2.06.1969) bosta drabi citata f'decizzjonijiet ta' din il-Qorti, kien ritenut illi:

> *Ghad-differenza ta' mandati kawtelatorji ohrajn, rigward il-mandat kawtelatorju ta' inibizzjoni l-ligi tezigi zewg kondizzjonijiet, cioe' li l-Qorti li lilha jsir ir-rikors tkun sodisfatta illi l-mandat hu necessarju ghall-konservazzjoni tad-dritt li in kawtela tieghu l-mandat jintalab u li prima facie dak id-dritt jidher li jispetta lil min jitolbu. Peress illi l-ligi tezigi li min johrog il-mandat hu obbligat li fiz-zmien qasir preskritt jiddeduci b'kawza l-jedd imsemmi fil-mandat, din il-Qorti hi tal-fehma illi ma jkunx jista' jinghad, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat, illi d-dritt prima facie jispetta lir-rikorrent jekk prima facie ikun jidher fl-istess hin illi l-pretensjoni dwar dak l-istess dritt m'hix kapaci li tigi dedotta in gudizzju quddiem il-Qorti.*

5. Illi dan hu hekk ghaliex dak il-jedd li jallega min jitlob il-mandat huwa wiehed li ghad irid ikun dibattut u deciz mhux quddiem din il-Qorti izda fil-forum appozitu 'l hinn mill-procedura odjerna. Huwa ugwalment akkolt fil-gurisprudenza illi fl-ezami u r-ricerka fil-fatti migjuba quddiemha ghad-decizjoni dwar iz-zewg rekwiziti, l-Qorti ghandha timxi b'mod sommarju tant li mhux mistenni minnha li tiehu konjizzjoni u tiddeciedi bl-istess mod mistenni mil-Qorti fil-kaz tal-kontenzjuz. In konkluzzjoni dwar l-ewwel element, jista' jinghad li t-test li ghandu jsir hu jekk il-jedd li qed tinvoka r-

rikorrenti huwiex wiehed deducibbli quddiem il-forum kompetenti u li tali ezami jsir fuq bazi *prima facie*, jigifieri jekk mad-daqqa t'ghajn r-rikorrenti tgawdix minn dak il-jedd minnha pretiz. Jekk dan jirrizulta, allura l-Qorti tissokta bl-ezami tat-tieni element;

6. Illi finalment, u bil-ghan ta' rikapitular fuq dan il-punt, tajjeb li ssir referenza ghal dak osservat fid-digriet fl-atti tal-Mandat Nru 1742/2016/1 PA fit-12 ta' Dicembru, 2016 fl-ismijiet **Helen Mercieca et vs Inginier Joseph Bajada**:

> *Illi kulma huwa mehtieg, u fl-istess hin huwa bizzejjed, ghall-hrug ta' mandat t'inibizzjoni, [huwa] li jkun hemm fumus boni iuris. Huwa logiku li billi l-mandat ta' inibizzjoni huwa att kawtelatorju li jrid jinhareg qabel ma jigi accertat min ghandu ragun, il-mandat jinhareg favur dak li "jidher" (fi kliem l-istess ligi) mal-ewwel daqqa t'ghajn li ghandu ragun. Igifieri b'mod verosimili jew plawsibbli, fi kliem iehor b'mod li jitwemmen jew ikun kredibbli. Dan min-naha l-wahda jeskludi pretenzjonijiet li huma frivoli jew assurdi, jew sahansitra fejn hemm mera possibilta' u min naha l-ohra jeskludi l-htiega li l-pretenzjoni jkollha probabbilta' kbira li tintlaqa'. Dan hu konformi mac-cirkostanza li procedura ta' din ix-xorta hija intiza sabiex tkun sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bhal dan, kulma jmissu jitressaq quddiemha, waqt is-smiegh tal-kawza dwar il-jedd. Dan billi fil-process dwar il-mertu, l-iskop hu li jigi accertat x'inhu d-dritt fil-kaz konkret, filwaqt li l-iskop tal-process ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni ghandu biss il-funzjoni strumentali li jikkawtela pretenzjoni ta' dritt, anke jekk din tista' ma tkunx fondata, sakemm ikun hemm pronunzjament gudizzjarju dwar jekk hix tabilhaqq fondata fid-dritt jew le.*

7. Illi kwantu dan l-ewwel element, ghalhekk il-Qorti ser tghaddi sabiex tezamina u tiddeciedi t-talba tar-rikorrenti fil-qafas legali appena mghoddi in rassenja;

8. Illi wara ezami tal-atti kollha u wara li semghet lill-partijiet huwa bil-wisq evidenti li t-talba tal-ghaqda rikorrenti hija destinata li tfalli. Dan ghaliex filwaqt illi qed titlob lil-din il-Qorti li twaqqaf lill-intimati "**jitrasferixxu, iwettqu 'rehoming' u/jew jitraqqdu qtates li jappartjenu lill-Organizazzjoni ...**" l-istess ghaqda rikorrenti qed issejjes ir-rikors taghha fuq il-fatt illi l-Kap Ezekuttiv intimat qieghed <u>jichad l-access</u> ghall-Cat Cafe', haga din, li minghajr ma' l-Qorti tidhol fil-mertu hija distinta u separata mill-kwistjoni ta' rilokazzjoni tal-qtates;

9. Illi ukoll l-istess Kap Ezekuttiv ddikjara illi mhix l-intenzjoni li jsir rilokar tal-qtates anzi hija l-intenzjoni li dawn jinghataw il-kura mehtiega u li jitraqqdu biss fuq il-parir tal-veterinarji jekk ikun il-kaz minhabba mard;

10. Illi ghalhekk l-ewwel element ghal-fini ta' hrug ta' mandat bhal dan huwa nieqies;

11. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tqis li jkun inutili li tinoltra fuq l-elementi l-ohra msemmija *supra* li jehtieg li jkunu jirizultaw sabiex jintlaqa' dan il-mandat. Konsegwentement qed taqta' u tiddeciedi b'mod definittiv dawn il-proceduri billi filwaqt illi tilqa' l-eccezzjonijiet tal-intimati, tichad it-talba tar-rikorrenti u ghalhekk

tirrevoka *contrario imperio* id-digriet taghha tas-16 ta' Jannar, 2024 li bih laqghet it-talba provizzorjament.

12. L-ispejjez huma rizervati ghall-gudizzju ahhari.

**Onor. Dr. Giovanni M Grixti**

**Imħallef**

**Nicole Cini**

**Deputat Reġistratur**